MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## IAN FARRUGIA

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2014

Numru. 394/2013

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Carol Fabri)**

**Vs**

**GIAN CARL BONNICI**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Gian Carl Bonnici** ta' 21 sena, iben Carmelo u Catherine xebba Zammit, imwieled Pieta' nhar it-3 ta' Gunju, 1991 u residenti 29, Carkate, Triq il-Fulkunier, Zejtun, detentur tal-karta tal-identita' numru **286291(M)**, gie akkuzat talli f'dawn il-Gżejjer, fi Frar 2013 u fix-xhur ta' qabel ġewwa Marsaxlokk :

1. Kellek fil-pussess tieghek kelba ta' erba' xhur jew aktar mingħajr liċenzja tad-Direttur responsabbli għas-Servizzi Veterinarji;

2. Kellek fil-pussess tiegħek annimali (klieb) li ġew imġiegħla jsofru uġiegħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn, filwaqt li ġew abbandunati, tant li l-kelba instabet tiġri fit-toroq tal-madwar;

3. Żammejt jew qbilt li żżomm annimali għandek u ma kontx responsabbli għat-trattament xieraq tagħhom;

4. Għamilt intervent fuq annimali ġriewi tal-istess kelba, meta qtajt barra denb ta' żewġt iklieb, għall-raġunijiet ta' tibdil ta' apparenza tal-annimali, filwaqt li għamilt ħsara fid-denb tal-annimali, meta dan mhux permess.

Rat il-kunsens ta` l-Avukat Generali sabiex din il-kawza tinstema u tigi deciza bil-procedura sommarja;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda moghtija fuq il-pedana tax-xhieda quddiem il-Qorti;

Semghet is-sottomissjonijiet finali tal-partijiet;

**Ikkunsidrat;**

Illi in succinct il-fatti ta` dan il-kaz huma s-segwenti. Fi Frar 2013, xi voluntiera tas-santwarju tal-klieb li jinsab gewwa tas-Silg, Marsaxlokk, kienu sabu kelba (tat-tip 'tal-kacca'), li kienet maghluba, mhux fi stat xieraq, mitluqa barra, li ma kellhiex microchip u li kellha maghha sitt griewi, tnejn minnhom b'denbhom maqtugh. Wiehed mill-griewi kellu ftit hmura, bhal meta ser tibda xi infjammazzjoni, u dana mad-dawra fejn kien inqata d-denb. Dawn iddahhlu fis-santwarju ghall-kenn sabiex jigu mharsa u ndukrati. Qabel dawn iddahhlu ghall-kenn, saru xi investigazzjonijiet minn naha tal-voluntiera tas-santwarju u dawn ikkonfermaw li l-kelba u l-griewi kienu qed ikunu go ghalqa, go shed fil-hamrija taht is-sigar. Nel frattemp l-imputat kien mar jirrapporta gewwa l-ghassa tal-pulizija taz-Zejtun li l-kelba u l-griewi kienu tieghu u li kienu ttiehdu gewwa s-santwarju u li ma riedux jaghtuhomlu lura. Kien informat li sakemm l-affarijiet jigu investigati, kemm il-kelba kif ukoll il-griewi, kienu ser jinzammu fis-santwarju; ukoll peress li l-kelba ma kienetx microchipped.

Mix-xhieda tal-veterinarju Ivan Galea, li kien ra l-kelba u l-griewi in kwistjoni gewwa s-santwarju (fuq talba appozita), jirrizulta illi l-kelba kienet tidher f'kondizzjoni relattivament tajba – anki jekk kien hemm *indications of undernourishment* - u tnejn mill-griewi kellhom denbhom maqtugh. Minn dak li ra seta jikkonkludi li dan il-qtugh tad-denb ma sarx minn xi hadd professjonali. Xehed pero li mill-ezamijiet li ghamel ma ltaqax ma sintomi ta` mard, jew remettar, jew diareja jew li ma kienux qed jieklu.

Minn naha tieghu l-imputat jispjega li l-kelba kienet dahlet fl-ghalqa taghhom, fl-akkwati ta` Dellimara, ghal habta ta` Settembru 2012. Hu ddecieda li jiehu hsiebha, jtieha tiekol u tixrob; u l-kelba gejja u sejra mill-ghalqa. Mbaghad induna li kienet tqila, qies li ma kien gie hadd ghalieha, u allura ddecieda li jzommha u jzomm zewgt igriewi milli kellha. Kien fi hsiebu li jaghmel microchip lill-kelba u z-zewgt igriewi li kien ser izomm. Jaccetta li kien hu u missieru li qatghu id-denb ta` zewgt igriewi, izda hadu hsieb biex dewwewhom kif suppost. Huwa jichad li l-kelba kienet mahqura.

Dan hu principalment ix-xenarju tal-kaz kif rizultanti mill-atti processwali.

**Ikkunsidrat;**

Illi wara li qieset dettaljatament ir-rizultanzi processwali, din il-Qorti hi tal-fehema illi l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra l-imputat gew ippruvati skond il-ligi. Anki jekk il-kelba (u wara anke l-griewi) originarjament ma kienitx tieghu, il-fatt li accetta li tinzamm fl-ghalqa tieghu u ha hsieb li jindukraha, ifisser legalment illi minn Settembru 2012 'l quddiem, huwa kellu l-pussess taghha (u wara anke tal-griewi) u f'ghajnejn il-ligi, dahal responsabbli.

Sfortunatament l-imputat, minflok agixxa bil-ghaqal u irrapporta mill-ewwel lill-awtoritajiet koncernati (pulizija jew il-volontiera tas-santwarju), li kienu jghinuh kif ghandu jipprocedi u probabbilment kienu jevitawlu dan l-ghawg, iddecieda li jimxi 'l quddiem minghajr ma josserva l-ligi u r-regolamenti applikabbli. Huwa allura gie li zamm ghandu u kellu fil-pussess tieghu il-kelba, li zgur kellha aktar minn erba xhur, minghajr il-licenzji jew formalitajiet mehtiega. U la darba mill-provi irrizulta sufficjentement illi l-kelba instabet maghluba, tigri liberament fit-toroq, u tnejn mill-griewi kellhom denbhom maqtugh, huwa gie passabbli legittimament ghar-reati kollha addebitati.

Il-Qorti taghmilha cara pero` illi ghalkemm l-imputat ghandu jirrispondi ghall-imputazzjonijiet dedotti, f'dan il-kaz ma irrizultatx mohqrija (dik li l-bniedem jistmerr) fuq l-annimali – dana anke fid-dawl tad-depozizzjoni tat-Tabib Veterinarju Ivan Galea. Irrizulta li l-imputat ma hax hsieb il-kelba u l-griewi kif suppost, seta holqilhom dwejjaq minghajr bzonn, u din il-Qorti hi tal-fehema li b'semplici talba lill-volontiera tas-santwarju, l-imputat kien jinghata l-pariri mehiega dwar kif ghandu jindokra l-kelba u wara wkoll lill-griewi u kien allura jevita li jitressaq il-Qorti.

Ghal dak li jirrigwarda s-sanzjoni applikabbli, din il-Qorti qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, fosthom izda mhux biss, il-fatt li ma irrizultatx mohqrija fuq l-annimali w il-fedina penali nettissima ta` l-imputat.

**Konkluzjoni;**

**GHALL-MOTIVI PREMESSI L-QORTI**, wara li rat l-Artikoli 8(2)(3), 9(1) u 45(1)(a), u t-Taqsima 5, ilkoll tal-Kap 439 tal-Ligijiet ta’ Malta, u L.S.437.101 – Artikolu 5(2), **issib u tiddikjara lil Gian Carl Bonnici hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu, u tikkundannah komplessivament ghall-piena tal-multa fis-somma ta` tmien mitt euro (€800)**.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------